# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 7**

**Rikors numru 637/98 GCD**

**Goldvest Company Limited**

**vs**

**Attorney General u ghal kull interess li jista' jkollhom Alphonse Caruana, president tat-Tribunal Industrijali, u Joseph Saliba.**

**Il-Qorti;**

**IR-RIKORS PROMOTUR**

Is-socjeta' rikorrenti pprocediet bis-segwenti rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex titlob rimedju ghall-allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali taghha mharsa taht l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan kontra l-

Attorney General u ghal kull interess li jista' jkollhom Alphonse Caruana, president tat-Tribunal Industrijali, u Joseph Saliba :-

"Ir-rikors ighid illi s-socjetà rikorrenti tmexxi l-lukanda *Imperial* f'Tas-Sliema, u l-intimat Joseph Saliba kien *general manager* ta' din il-lukanda. Minhabba f'nuqqasijiet gravi u kontinwi ta' Saliba fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, li r-rikorrenti ma setghetx toqghod ghalihom, ir-rikorrenti temmitlu l-impjieg.

Billi Saliba deherlu li t-tkeccija tieghu kienet kontra l-ligi, hu mexxa bi proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Wara li rceviet ittra minghand is-segreterija tat-tribunal fid-19 ta' Settembru 1996, ir-rikorrenti ipprezentat il-kaz taghha, flimkien ma' dettalji u taghrif iehor, kif kienet mitluba li taghmel, fil-15 ta' Ottubru 1996.

L-ewwel seduta quddiem it-tribunal saret fl-20 ta' Novembru 1996, wara li kienet giet differita l-ewwel mill-24 ta' Ottubru 1996 u imbaghad mis-7 ta' Novembru 1996. Waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 1996, Saliba ried jipprezenta l-kaz tieghu, izda r-rikorrenti opponiet ghal dan ghax Saliba ma kienx hares iz-zmien li kien inghatalu mit-tribunal bl-ittra tad-19 ta' Settembru 1996 biex jipprezenta l-kaz tieghu, u baqa' inadempjenti ghal zmien twil. Barra minn hekk, Saliba la qatt talab li jiggeddidlu z-zmien u lanqas fittex li jiggustifika d-dewmien.

Ir-rikorrenti hawn ghamlet referenza ghar-Regoli ta' l-1957 dwar il-Procedura tat-Tribunal Industrijali, kif emendati bl-Avviz tal-Gvern numru 326 tat-18 ta' April 1958 u bl-Avviz Legali 55 ta' l-1984, u kif emendati sussegwentement; ghamlet referenza wkoll ghall-ittra li ntbaghtet liz-zewg partijiet mis-segreterija tat-tribunal bid-data tad-19 ta' Settembru 1996.

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1996 ma sar xejn ghax ma deherx id-difensur ta' l-appellant, u l-kaz gie differit ghat-23 ta' Jannar 1997. Dak in-nhar, ic-*chairman* tat-tribunal iddifferixxa s-seduta ghas-6 ta' Frar 1997.

Fl-10 ta' Dicembru 1996 ir-rikorrenti kienet ipprezentat rikors quddiem it-tribunal biex turi ghala, fil-fehma taghha, it-tribunal ma setax f'dak l-istadju jilqa' d-dikjarazzjoni tal-kaz ta' Saliba. Fis-seduta tas-6 ta' Frar 1997 id-difensur ta' Saliba ntrabat li jwiegeb bil-miktub ghal dak ir-rikors, b'kopja li tkun notifikata lill-parti l-ohra; ir-risposta ma saritx u, ghalhekk, ma setghetx tigi notifikata.

Billi r-risposta ma saritx, ic-*Chairman* tat-tribunal hassar is-seduta li kellha ssir fis-6 ta' Marzu 1997 u qal li "data ohra tigi mhabbra appena t-tribunal ikun ircieva r-risposta". F'dan iz-zmien kollu, Saliba la talab li jiggeddidlu z-zmien biex jipprezenta r-risposta, u lanqas fittex li jiggustifika n-nuqqas tieghu.

Ir-rikorrenti ipprotestat kontra din id-decizjoni tac-*chairman* b'ittra ta' l-4 ta' Marzu 1997, u b'rikors tal-15 ta' April 1997 irrikuzat lic-*chairman* minhabba fil-proceduri li kienu saru u ghax kienet tal-fehma li ma setghetx tinghata smigh xieraq.

B'dikriet tas-26 ta' Mejju 1997 it-tribunal iddecieda li ma kienx hemm ir-ragunijiet li trid il-ligi biex ikun rikuzat ic-*chairman*, u ghalhekk cahad it-talba. It-tribunal qal ukoll illi "ma jifhimx illi z-zmien moghti lil Joseph Saliba sabiex jipprezenta l-i*statement of case* tieghu huwa perentorju"; qataghha ghalhekk li jilqa' dak l-i*statement of case*.

Fis-6 ta' Mejju 1997 ir-rikorrenti ressqet il-kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Wara li nqara d-dikriet tas-6 ta' Mejju 1997, imsemmi fuq, ma jidhirx li t-tribunal iffissa xi seduta ohra qabel dik tat-2 ta' Frar 1998; dak in-nhar id-difensur tar-rikorrenti kien imsiefer, u s-seduta ghalhekk kienet differita ghad-19 ta' Frar 1998.

Ir-rikorrenti kompliet tghid li l-mod kif gab ruhu c-*chairman* tat-tribunal ma jistax jitqies li hu imparzjali, ghaliex, fost ragunijiet ohra, l-appellant qatt ma talab li jiggeddidlu z-zmien biex jipprezenta l-kaz tieghu, u wisq anqas wera xi raguni tajba fil-ligi ghala ma ipprezentax il-kaz tieghu fiz-zmien li nghatalu. Ghalhekk, fil-fehma tar-rikorrenti, it-tribunal kif kompost ghas-smigh tal-kaz ma jistax jitqies imparzjali u indipendenti kif iridu l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; ghalhekk ukoll, lir-rikorrenti ma jistax jinghata smigh xieraq kif iridu dawk l-artikoli.

**<u>It-Talba tar-Rikorrenti</u>**

Ir-rikorrenti ghalhekk talbet li din il-qorti tghid illi, fid-dawl tal-fatti migjuba fir-rikors, u wara li tisma' x-xiehda dwarhom, il-kaz taghha quddiem it-tribunal ma hux qed jinghata smigh xieraq. Talbet ukoll li kopja tas-sentenza li tinghata f'dawn il-proceduri tallum tkun notifikata mir-registratur tal-qrati lis-segretarju tat-Tribunal Industrijali, presjedut mill-intimat Alphonse Caruana, u hekk isir dak li hu mehtieg biex kollox jimxi kif trid il-ligi. Talbet ukoll li l-qorti taghti kull rimedju xieraq jew mehtieg, u li l-ispejjez ihallsuhom l-intimati."

**RISPOSTI**

L-intimat Avukat Generali hekk irrisponda ghar-rikors promotur :-

"L-intimat Avukat Genarali wiegeb hekk:

1. il-kwistjonijiet imsemmija fir-rikors huma dwar ir-regolament tal-proceduri mit-Tribunal Industrijali fil-limitu tas-setghat moghtija lilu, u ma sar ebda ksur tad-dritt ghal smigh xieraq;
2. l-insistenza tar-rikorrenti li l-parti l-ohra fil-proceduri quddiem it-tribunal ma tithalliex tipprezenta l-kaz taghha hija fiha nfisha ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, u ma jaghmilx sens li r-rikorrenti tghid li jinkiser id-dritt taghha ghal smigh xieraq jekk il-parti l-ohra tithalla tressaq il-kaz taghha, ukoll jekk dan taghmlu tard;
3. huwa principju stabbilit illi t-tribunali amministrattivi ghandhom is-setgha li jirregolaw il-proceduri taghhom sabiex jaraw li ssir gustizzja fil-meritu, u ma jaqtghux il-kwistjonijiet li jkollhom quddiemhom fuq bazi ta' teknikalitajiet legali li jservu biex jinheba s-sewwa; u
4. fil-kaz meritu tal-kawza tallum, jidher li t-tribunal mexa skond dan il-principju, u ma hemmx xi tmaqdar f'dak li ghamel."

L-intimat Alphonse Caruana, fil-kwalita' tieghu ta' chairman tat-Tribunal Industrijali wiegeb illi bhala chairman huwa kien daqs gudikant ta' Qorti, u ghalhekk ma jistax jingieb bhala parti f'kawza. Kellu minnufih jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju. Inoltre huwa wiegeb illi f'kull kaz joqghod ghal dak li tghid il-Qorti.

L-intimat l-iehor, il-kontro-parti tar-rikorrent, fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, baqa' ma wegibx.

**DECIDE**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ir-rikors b'sentenza tat-12 ta' April 1999, billi ddikjarat illi fil-fehma taghha s-socjeta' rikorrenti ma sehhilhiex turi li kien hemm xi ksur tad-dritt fondamentali taghha ghal smiegh xieraq quddiem tribunal imparzjali.

Konsegwentement il-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

**IL-FATTI**

Sewwa li jigi registrat hawn dak li s-sentenza appellata identifikat bhala l-fatti saljenti li kienu rilevanti ghad-determinazzjoni tar-rikors.

> **"Il-Fatti**
>
> Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk:
>
> L-intimat Joseph Saliba kien impjegat mas-socjetà rikorrenti, izda kien tkecca mill-impjieg. Billi deherlu li t-tkeccija tieghu ma saritx kif trid il-ligi, beda l-proceduri biex il-kaz tieghu jingieb quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-partijiet, *i.e.* is-socjetà rikorrenti u l-intimat Saliba, kienu mgharrfa mis-segreterija tat-tribunal li kellha ssir seduta quddiem it-tribunal fl-24 ta' Ottubnru 1996, u li kull parti kellha tibghat lit-tribunal id-dokumenti relativi ghall-kaz, fosthom

"dikjarazzjoni tal-kaz", sa mhux aktar tard mis-17 ta' Ottubru 1996.

Ghalkemm is-socjetà rikorrenti baghtet id-dokumenti taghha fiz-zmien li nghatalha, l-intimat Saliba ma baghathomx.

L-ewwel seduta quddiem it-tribunal flok fl-24 ta' Ottubru 1996 saret fl-20 ta' Novembru 1996. Dak in-nhar l-intimat Saliba offra li jipprezenta d-dikjarazzjoni tieghu, izda s-socjetà intimata opponiet, u sar verbal li *inter alia* jghid hekk:

> Peress li l-i*statement of case* ta' l-appellant ma wasalx fl-ufficcju tat-Tribunal Industrijali sat-terminu li gie moghti lilu, l-Avukat Ragonesi ma accettahx meta dan gie prezentat mill-Avukat Mifsud Bonnici fis-seduta tallum … … …

Wara li l-Avukat Ragonesi ghas-socjetà ivverbalizza r-ragunijiet tieghu ghall-oppozizzjoni, u l-Avukat Mifsud Bonnici wiegeb ghal Saliba, il-kaz kien differit ghall-11 ta' Dicembru 1996 sabiex jinghata provvediment dwar jekk Saliba jithalliex jipprezenta d-dokumenti tieghu

Barra mis-sottomissjonijiet verbalizzati waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 1996, is-socjetà rikorrenti ipprezentat ukoll rikors fl-10 ta' Dicembru 1996 biex tkompli tfisser ir-ragunijiet taghha.

Il-provvediment ma nghatax fil-11 ta' Dicembru 1996, ghax dak in-nhar l-avukat ta' Saliba ma deherx. Is-smigh kien differit ghat-23 ta' Jannar 1997 u, minn dak in-nhar, ghas-6 ta' Frar 1997. Dak in-nhar l-Avukat Mifsud Bonnici ghal Saliba qal li kien ser iwiegeb bil-miktub ghar-rikors, u s-smigh rega' gie differit ghas-6 ta' Marzu 1997.

B'ittra tat-28 ta' Frar 1997, is-segretarja tat-tribunal kitbet lill-partijiet biex tghidilhom illi l-kaz ma kienx ser jinstema' fis-6 ta' Marzu 1997 ghax "l-appellant ma ipprezentax risposta ghar-rikors tal-kumpanija", u illi "data ohra tigi mhabbra appena t-tribunal ikun ircieva r-risposta".

L-Avukat Ragonesi wiegeb b'ittra ta' l-4 ta' Marzu 1997 u qal illi l-procedura li biha kien qed jimxi t-tribunal kienet illegali, "u turi li t-tribunal qieghed juza metodi diskriminatorji bejn il-partijiet".

Is-socjetà rikorrenti ipprezentat ukoll zewg rikorsi ohra quddiem it-tribunal: ipprezentat rikors fit-12 ta' Marzu 1997 biex titlob li jinghata provvediment fuq ir-rikors taghha tal-10 ta' Dicembru 1996, u ipprezentat rikors iehor fil-15 ta' April 1997 biex titlob ir-rikuza tac-*chairman* Alphonse Caruana.

Saret seduta quddiem it-tribunal fis-26 ta' Mejju 1997; dak in-nhar inghata dikriet datat 21 ta' Mejju 1997 li bih kienet michuda t-talba ta' rikuza tac-*chairman*, u kien deciz ukoll li t-tribunal "jaccetta l-i*statement of case* ta' Joseph Saliba bhala wiehed validament ipprezentat".

Dak in-nhar ukoll, l-Avukat Ragonesi ghamel dan il-verbal:

> Dr Ragonesi ghal *Goldvest Co. Ltd* wara li c-*chairman* qara d-dikriet jissolleva illi indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra 1-proceduri ghandhom jigu sospizi ghaliex huwa ser jipprezenta citazzjoni fil-Prim'Awla fuq bazi legali dwar il-kontenut tad-dikriet moghti llum.

Is-smigh gie ghalhekk aggornat *sine die*; il-kaz rega' kien appuntat ghas-smigh fid-19 ta' Jannar 1998 u differit ghas-16 ta' Marzu 1998, izda rega' thalla *sine die* wara li s-socjetà rikorrenti ipprezentat ir-rikors li bih inbdew il-proceduri tallum."

**<u>DETERMINAZZJONI TAL-ECCEZZJONI PRELIMINARI TAR-RIKORRENT ALPHONSE CARUANA</u>**

L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni ta' dan l-intimat u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju fuq din il-konsiderazzjoni :-

> "Id-dmir li jipprovdi tribunali imparzjali u indipendenti huwa dmir ta' l-istat. L-istat, li ghalih qed jidher l-Avukat Generali, huwa l-kuntradittur legittimu f'dawn il-proceduri, u l-istat ikun kundannat jekk jinstab li ma wettaqx dan id-dmir tieghu. La t-tribunal u lanqas il-president tieghu ma huma mehtiega biex ikunu parti fil-proceduri. Ghalhekk l-intimat Alphonse Caruana, li kien imharrek bhala president tat-tribunal, kien imharrek ghalxejn, u l-eccezzjoni tieghu ghandha tintlaqa'.

**<u>MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

**<u>“Is-Sottomissjonijiet tas-Socjeta’ Rikorrenti</u>**

Min-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, jidher li s-socjetà rikorrenti qieghda tibni l-kaz taghha fuq zewg linji ta’ argumenti.

L-ewwel linja ta’ argumenti tghid illi t-tribunal huwa marbut bil-ligi li holqitu, u din il-ligi torbtu wkoll fis-setgha li taghtih li jilqa’ dokumenti bil-miktub minghand il-partijiet, ghax dawn id-dokumenti ma jistax jilqaghhom wara li jkun ghalaq iz-zmien moghti ghall-prezentata taghhom.

It-tieni linja ta’ argumenti tghid li mas-socjetà rikorrenti t-tribunal ma mexiex b’imparzjalità.

**<u>Dwar is-Setgha tat-Tribunal Industrijali li jGedded iz-zmien g}all-Prezentata ta’ Atti</u>**

Is-socjetà rikorrenti qieghda tghid li t-tribunal kiser il-ligi meta gedded iz-zmien ghal Saliba biex jipprezenta d-dikjarazzjoni tieghu, ghax it-tribunal ma kellux dik is-setgha.

Din, izda, ma hix kawza dwar skrutinju gudizzjarju ta’ ghemil ta’ tribunal amministrattiv. Il-qrati certament ghandhom is-setgha li jaraw jekk tribunali amministrativi kisrux il-ligi, izda dik is-setgha qieghda fil-gurisdizzjoni ordinarja, mhux kostituzzjonali, taghhom. Fil-kawza tallum, ladarba r-rikorrenti sejhet lil din il-qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, irridu naraw biss jekk sarx ksur tal-ligi kostituzzjonali dwar drittijiet fondamentali, jew sarx ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet

tal-Bniedem safejn din saret parti mil-ligi taghna; ma hux il-kaz li naraw tharsitx il-ligi ordinarja li waqqfet it-Tribunal Industrijali ghax dwar hekk ir-rikorrenti ghandha rimedji ohra. La ma hux mehtieg stharrig dwar din l-allegazzjoni, lanqas ma hu l-kaz li l-qorti tilqa' l-istedina tar-rikorrenti, maghmula fl-ghaxar paragrafu tan-nota taghha, biex tisma' xhieda fuq il-"konswetudni" tat-tribunal dwar prezentata ta' atti wara li jkun ghalaq iz-zmien ghalihom.

## Id-Dritt ghal Smigh Xieraq

Nghaddu ghalhekk ghall-meritu proprju tal-kawza tallum. Ir-rikorrenti qieghda tghid illi l-fatt li c-*chairman* tat-tribunal laqa' d-dikjarazzjoni tal-kaz ta' Saliba wara li kien ghalaq iz-zmien, u l-fatt li kompla jaghti zmien lil Saliba biex iwiegeb ghar-rikors taghha tal-10 ta' Dicembru 1996, juru li t-tribunal ma hux qed jisma' l-kaz b'imparzjalità. Dan, tghid ir-rikorrenti, imur kontra d-dritt fondamentali taghha mhares taht l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jridu li decizjonijiet dwar drittijiet civili jinghataw wara smigh minn tribunal imparzjali u indipendenti.

## Tribunal Indipendenti

L-imparzjalità hija kwalità tal-membri ta' tribunal, izjed milli kwalità tat-tribunal innifsu bhala istituzzjoni[1]. Biex tribunal jitqies imparzjali l-membri tieghu ma jridx ikollhom pregudizzji jew simpatiji ma' xi parti. L-imparzjalità wkoll tista' titqies fid-dawl ta' kriterju oggettiv kif ukoll fid-dawl ta' kriterju soggettiv, ghalkemm

---

1 Ara **Cecil Pace *et versus* Prim'Ministru *et***, Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Dicembru 1997.

tibqa' kwalità tal-membri tat-tribunal. Dan fissritu l-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Hauschildt *versus* id-Danimarka**[2]:

> *The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.*

Fil-kaz tallum, is-socjetà rikorrenti qieghda tghid li c-*chairman* tat-Tribunal Industrijali ma kienx imparzjali ghax fl-atteggjament soggettiv tieghu deher li kien qed izomm ma' l-intinmat Saliba, billi, kif rajna, geddidlu z-zmien biex jipprezenta d-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu u geddidlu wkoll iz-zmien biex iwiegeb ghar-rikors tal-10 ta' Dicembru 1996; qieghda tghid ukoll, izda, illi wkoll fuq kriterji oggettivi ma hux imparzjali ghax kien ghamel zmien imsieheb fil-*General Workers Union*, meta din kellha bhala konsulent legali taghha lill-avukat ta' Saliba. Ir-rikorrenti qalet dan fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha:

> Fil-kaz **Campbell & Fell *vs* U.K.**, li kien spicca quddiem *The European Court of Human Rights* ta' Strasbourg, intqal fis-sentenza: "*In determining whether a body can be considered to be "independent" — notably of the executive and of the parties to the case — the court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressure and the question <u>whether the body presents an apprearance of independence</u>*" (pag. 231, 232). Ikun hemm nuqqas ta' *fair hearing* "*even if there is a 'legitimate doubt'* (pag. 233). *The presiding judge, because of his work or association with others could be seen to be loyal to his colleagues*" (pag. 234). Il-persuna li ippresjediet it-Tribunal Industrijali ghamlet zmien twil fl-organizzazzjoni tal-*General Workers Union* meta d-difensur ta' min ressaq il-kaz quddiem dak it-tribunal kien il-konsulent legali taghha. "*A tribunal member will be neither indipendent nor impartial if he has links with a private party to the case*" (pag. 234).

[2] Decizjoni moghtija fl-24 ta' Mejju 1989 (A.154, 1989).

Il-fatt li c-*chairman* ta' tribunal kien membru ta' organizzazzjoni li taghha darba kien konsulent legali l-avukat ta' parti fi proceduri quddiem it-tribunal ma jfissirx li bejn ic-*chairman* u l-avukat hemm rabta li tohloq dubju ragjonevoli fuq l-imparzjalità tac-*chairman*. Ikun hemm dak id-dubju li kieku c-*chairman* kien, fiz-zmien meta qed jisma' l-kaz, f'pozizzjoni subordinata ghal wahda mill-partijiet fl-organizzazzjoni li fiha hu u dik il-parti jkunu msiehba, b'mod li l-karriera tac-*chairman* bhala msieheb f'dik l-organizzazzjoni tista' tiddependi fuq ir-rieda jew fuq is-setgha tal-parti.

Dan ma hux il-kaz fil-kawza tallum; ic-*chairman* ma hux f'pozizzjoni ta' subordin-azzjoni la ghall-intimat Saliba u lanqas ghall-avukat tieghu: ma hemm ebda relazzjoni gerarkika bejniethom. Barra minn hekk, billi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija ta' rabta bejn ic-*chairman* u l-avukat, mhux il-parti, huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Sramek *versus* Awstrija**, fejn saret allegazzjoni li membru ta' tribunal amministrattiv ma kienx imparzjali ghax kien f'kaz iehor deher bhala avukat tal-gvern tal-*land* li kien parti f'kawza quddiem dak it-tribunal:

> As for the lawyer, the applicant argued that he might on occasion have received instructions from the Land Government if he had been engaged to represent them in legal proceedings. However, even if he had ... ... ..., his impartiality could not be called in question on that score alone.[3]

Fil-fehma tal-qorti, ir-rikorrenti ma wrietx li hemm dubju ragonevoli li c-*chairman* tat-tribunal seta' kellu simpatija ma' l-intimat Saliba ghar-raguni biss li l-avukat ta' Saliba kien darba avukat tal-*General Workers Union* li fiha c-*chairman* kien darba msieheb; ma wrietx li l-pozizzjoni tac-*chairman* illum fil-*General*

[3] **Sramek *versus* l-Awstrija**, 22 ta' Ottubru 1984, 5/1983/61/95, para. 40.

*Workers Union* tista' b'xi mod tiddependi fuq ir-rieda ta' Saliba jew ta' l-Avukat tieghu, biex hekk ic-*chairman* ikollu raguni oggettiva ghala ma jkunx imparzjali billi jzomm ma' Saliba.

Lanqas ma jista' jinghad li, ghax ic-*chairman* kien imsieheb f'ghaqda tal-haddiema, ghandna nassumu li jxaqleb favur il-haddiema u kontra min ihaddem. Li kieku kien hekk, avukati li kienu jahdmu bhala prosekuturi fl-ufficcju ta' l-Avukat Generali ma jistghu qatt jinhatru mhallfin fil-Qorti Kriminali, ghax jissimpatizzaw mal-prosekuzzjoni, u avukati li kienu jahdmu bhala difensuri quddiem il-Qorti Kriminali ma jistghu qatt jinhatru mhallfin f'dik il-qorti ghax ikunu jissimpatizzaw ma' l-akkuzati! Dan huwa argument assurd. Id-dubju dwar l-imparzjalità jrid ikun wiehed ragonevoli, u mhux mibni fuq suppozizzjonijiet imgebbda.

Fadal li naraw jekk il-komportament soggettiv tac-*chairman* weriex parzjalità favur l-intimat Saliba.

Biex tirnexxi f'din l-allegazzjoni, ir-rikorrenti trid turi li tassew kien hemm *bias* kontra taghha; il-presunzjoni hija li l-gudikant huwa imparzjali, u jmiss lil min jallega l-kuntrarju li jgib il-provi biex juri li ma kienx hemm imparzjalità: "*the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary*".[4]

Ir-rikorrenti, kif rajna, qieghda tara din il-parzjalità ghax lil Saliba nghata zmien gdid kemm biex jipprezenta d-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu kif ukoll biex iwiegeb ghal rikors.

Ghalkemm, ghall-efficjenza tal-proceduri quddiemhom, ikun xieraq li l-awtoritajiet gudikanti jaraw li jitharsu t-termini ghall-

---

4 Ara **Hauschildt *versus* id-Danimarka**, A 154 para 47 (24 ta' Mejju 1989); ara wkoll **Le Compte, Van Leuven u De Meyere *versus* il-Belgju**, A 43 para. 58 (23 ta' Gunju 1981).

prezentata ta' l-atti — u jekk jonqsu milli jaghmlu hekk, dan jista' jwassal biex ma jaghtux id-decizjoni taghhom fi zmien ragonevoli, bi ksur ta' dritt fondamentali iehor — xorta ghandhom is-setgha li, jekk jidhrilhom xieraq biex issir il-gustizzja, iggeddu z-zmien lil dik il-parti li ma tkunx harset it-terminu.

Ir-rikorrenti qieghda taghmel l-izball li tahseb li, ghax it-tribunal ta decizjoni li ma toghgobhiex, mela bilfors it-tribunal ma hux imparzjali. Kien ikollha ragun tasal ghal din il-konkluzjoni li kieku d-decizjoni kienet tant bizzarra u ovvjament zbaljata li bilfors li min wasal ghal dik id-decizjoni kellu f'mohhu li ma jaghmilx gustizzja.

Fil-kaz tallum, ghalkemm huwa minnu li l-intimat Saliba ma ipprezentax id-dikjarazzjoni tieghu fiz-zmien li nghatalu, offra li jipprezentaha fl-ewwel seduta quddiem it-tribunal, u t-tribunal laqa' din it-talba. Qieghda tghid hazin ir-rikorrenti, fir-rikors taghha, li l-intimat "qatt ma talab estensjoni biex jipprezenta l-kaz tieghu"[5], ghax l-offerta ta' l-intimat li jipprezenta d-dikjarazzjoni hija fiha nfisha talba biex jiggedded iz-zmien.

Ir-rikorrenti, flok ma halliet li l-proceduri jimxu u li l-parti l-ohra tinstema' wkoll, ghalkemm ma jidhirx li dan kien ser jaghmlilha xi pregudizzju — ghax skond il-verbal tas-seduta Saliba ma kellux kopja tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, u ma kienx jaf x'fiha — ghazlet li tohloq episodju li waqqaf il-proceduri quddiem it-tribunal. Il-qorti ma tarax li d-decizjoni tat-tribunal li tilqa' t-talba ta' Saliba turi xi *bias* kontra s-socjetà rikorrenti; kull ma ghamlel kien li jaghti interpretazzjoni wiesa' tal-principju *audi alteram*

---

5 Para. 6 tar-rikors.

*partem* f'cirkostanzi fejn ma jidhirx li kien ser jinholoq pregudizzju lir-rikorrenti.

Ftit aktar problematika hija d-decizjoni tat-tribunal li thalli l-proceduri *sine die* sakemm l-intimat Saliba jwiegeb ghar-rikors tal-10 ta' Dicembru 1996. Din certament ma kinitx decizjoni ghaqlija, ghax thalli f'idejn parti s-setgha li ttawwal il-proceduri kemm trid hi, ghalkemm, verament, f'dan il-kaz Saliba ma kellux interess li jtawwal ghax id-dewmien kien aktar ta' pregudizzju ghalih, li kien tkecca mill-impjieg, milli kien ghas-socjetà rikorrenti.

Madankollu, lanqas din id-decizjoni ma turi dawk l-estremi li jwasslu lill-qorti biex tghid li hemm xi dubju serju dwar l-imparzjalità soggettiva tac-*chairman* tat-tribunal."

**APPELL**

Minn din is-sentenza appellat naturalment biss is-socjeta' rikorrenti b'ilment li jista' analizzat f'zewg aggravji distinti.

L-ewwel aggravju jinvesti l-kondotta tal-ewwel Qorti fis-smiegh tal-rikors kostituzzjonali u hawn is-socjeta' appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset li tivvaluta u tapplika l-principji ta' "fair hearing" u ta' imparzjalita' soggettiva tac-chairman tat-Tribunal, li kellha tigi addottata minn min ikun qieghed jippresjedi process gudizzjarju.

It-tieni aggravju, li l-istess socjeta' appellanti tikkwalifika bhala "l-izjed serju", jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti fl-ahhar parti tas-sentenza qalet li "lanqas din id-decizjoni ma turi dawk l-estremi li jwasslu lill-Qorti biex tghid li hemm xi dubbju serju dwar l-imparzjalita' soggettiva tac-chairman tat-Tribunal". Hi tissottometti illi ma kienx hemm gradi fl-evalwazzjoni ta' "fair hearing". L-istess ma kienx hemm gradi fil-kaz ta' dubbju fil-kondotta imparzjali tal-gudikant. Jekk kien hemm dubbju dwar l-imparzjalita' din l-imparzjalita' kienet tezisti u ma kienx hemm bzonn li d-dubbju jkun serju".

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Din il-Qorti ezaminat attentament mhux biss l-atti quddiem l-ewwel Qorti imma wkoll l-atti processwali quddiem it-Tribunal Industrijali fi process gie sospiz pendenti d-determinazzjoni ta' dan ir-rikors. Din il-Qorti ma ssib xejn ta' sostanza x'ticcensura fiz-zewg processi u kuntrarjament ghal dak li qeghda tallega s-socjeta' appellanti jwassal ghall-konkluzzjoni illi l-ewwel Qorti kienet korretta fil-kondotta tal-proceduri quddiemha u li ma kien hemm xejn x'jiggustifika l-allegazzjoni illi t-Tribunal Industrijali kif presedut mill-intimat Alphonse Caruana kien wera parzjalita' fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti b'mod li ppregudika d-dritt fondamentali taghha ghal smiegh xieraq garantit kemm bil-Kostituzzjoni kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropeja.

**L-AGGRAVJU DWAR IL-PROCESS QUDDIEM L-EWWEL QORTI**

Is-socjeta' appellanti jidher li ssib diffikulta' biex tkun sodisfatta mill-mod kif tigi dispensata l-gustizzja fil-konfront taghha. Infatti fil-prezenti f'proceduri fejn qeghda tilmenta li gie vjolat il-jedd fondamentali taghha ghal smiegh xieraq ghax il-process ma kienx qieghed jigi kondott quddiem tribunal imparzjali, s-socjeta' rikorrenti appellant tilmenta wkoll mill-fatt illi l-Qorti minnha aditata biex tivverifika l-proceduri quddiem dak it-tribunal kienet hi stess naqset milli taghtih smiegh xieraq. Tallega li kienet trattat il-kaz tieghu b'leggerezza u kienet naqset li taghtih l-opportunita' illi sewwa jipprezenta l-kaz tieghu. Din il-Qorti ezaminat l-ilmenti tas-socjeta' appellanti f'dan il-kuntest u ssib li dawn huma ghal kollox infondati u ma jistghu bl-ebda mod jigu sostnuti.

Il-Qorti tqis is-segwenti :-

1. L-ewwel aggravju tal-appellant hu illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tal-Attorney General li gew prezentati tardivament u li kopja taghhom inghatat id-difensur tal-appellanti wara li nghatat is-sentenza fit-12 ta' April 1999 u lanqas ma dawn gew sfilzati. Dan l-aggravju kellu se mai jispretta lill-Avukat Generali li pero' ma lmentax li gie malament trattat mill-ewwel Qorti. Una volta l-istess appellant jammetti illi l-ewwel Qorti ma haditx konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali, dan il-fatt certament ma setax

jippregudika lill-appellant ghaliex ifisser illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha fuq l-atti akkwiziti minghajr ma hadet konsiderazzjoni ta' jew ma giet kondizzjonata minn eccezzjonijiet li gew sollevati mill-kontro-parti. Koncess dan, din il-Qorti ma tarax rilevanza fihom kemm is-sottomissjoni illi dawn l-eccezzjoniet kienu gew prezentati tardivament kif ukoll is-sottomissjoni li kopja taghhom inghatat tardivament lid-difensur tal-appellanti. In-nuqqas ta' risposta wahdu jew it-tardivita' fil-prezentata taghha bl-ebda mod ma jippregudika d-dritt tal-kontro-parti fir-rikors kostituzzjonali. Di piu ezami tar-risposta tal-Avukat Generali juri illi din hi limitata sostanzjalment ghal stqarrija ta' principji generali dwar ir-regolament ta' proceduri quddiem it-Tribunali amministrattivi u l-affermazzjoni li t-tribunal fil-kaz taht ezami kien mexa in konformita' ma' dawn il-principji. Ir-risposta allura ftit li xejn setghet tiggova jew tippregudika l-mertu jew il-kaz tar-rikorrent.

2. It-tieni aggravju tal-appellant fir-rigward tal-kondotta tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti hu fis-sens illi dik il-Qorti ma tatx importanza ghall-fatt li l-intimat Joseph Saliba, skond il-verbal tas-16 ta' Novembru 1998, kellu jipprezenta dokument li dwaru l-appellant ried jaghmel osservazzjonijiet u sottomissjonijiet. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota illi mill-verbal in kwistjoni ma jirrizultax xi kwalita' ta' dokument, talab li jipproduci l-intimat Joseph Saliba. Kien x'kien dak id-dokument, in-nuqqas tal-produzzjoni tieghu ma setghetx ma tippregudikax biss lil min talab li jipproducih ghaliex dan kjarament ried jaghmlu fl-interess tieghu

u mhux fl-interess tal-kontro-parti. Ma jirrizultax mill-atti illi dan id-dokument li din il-Qorti ma tistax tkun taf x'inhu, kellu jigi prezentat fuq l-insistenza tal-appellanti li fil-verita' ma rriserva l-ebda dritt ta' verifika fil-konfront tieghu. Skond dak il-verbal il-kawza kienet baqghet ghas-sentenza bil-fakolta' lill-avukati li jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet bil-visto reciproku. Fil-fatt l-appellant ghamel din in-nota pero' hu m'ghamel l-ebda riferenza ghall-fatt illi l-intimat Saliba kien naqas li jipprezenta d-dokument li hu xtaq li jipprezenta. Anke hawn in-nuqqas lamentat mill-appellant ma seta' bl-ebda mod jippregudikah, seta' biss se mai jippregudika lill-kontro-parti.

3. It-tielet aggravju tas-socjeta' appellanti hu li hi riedet tipprova b'xhieda li dak li kien qed jigi allegat mit-Tribunal bhala ghemil taghha fi proceduri segwiti minnha u fl-applikazzjoni tar-regolamenti relativi ghaliha ma kienx minnu u kien infondat. Hi tilmenta li din it-talba giet michuda fis-sentenza u mhux qabel b'mod li b'hekk giet imcahda mill-opportunita' li taghmel sottomissjonijiet verbali dwarha. Anke dan l-aggravju ma jirrizultax sostnut mill-atti processwali. Infatti fil-verbal tal-15 ta' Ottubru 1998, gie registrat illi "l-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx iktar xhieda. Dr. Ragonesi in vista ta' dak li xehed George Attard jitlob li jressaq iktar xhieda biex jirribatti dak li qal dan ix-xhud. L-intimati ma jopponux u l-Qorti laqghet it-talba nonostante dak li kien gie appena verbalizzat u ddifferiet il-kawza biex jinstemghu dawk ix-xhieda ghas-seduta tas-16 ta' Novembru 1998." F'dik is-seduta

xehed l-Avukat Dottor Victor Ragonesi msejjah mis-socjeta' rikorrenti kif ukoll l-intimat Alphonse Caruana in kontro-ezami mis-socjeta' appellanti u l-Qorti gustament iddikjarat illi l-gbir tax-xhieda kien maghluq u kif inghad il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakulta' tan-noti. Hu minnu illi fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu l-appellant nomine ittanta jerga' jiftah l-istadju tal-provi billi talab li l-ewwel Qorti tisma' bil-gurament diversi xhieda fir-rigward tal-mertu li kien gie diga' trattat. Talba din fil-fehma ta' din il-Qorti ghal kollox irregolari u barra minn lokha. Dan mhux biss ghaliex kif inghad l-istadju tal-provi kien gja' gie dikjarat maghluq mill-Qorti imma wkoll ghaliex hu car illi l-appellant kellu l-opportunita' shiha li jipproduci kull prova li ried u li kien ghad fadallu skond kif hu dirett jaghmel fil-verbal tal-15 ta' Ottubru 1998. Jekk, is-socjeta' l-appellanti naqset li tuzufruwixxi minn din il-fakulta' lilha moghtija mill-ewwel Qorti fl-istadju gusta tal-proceduri, hi setghet biss tlum lilha nfisha u ma setghetx iggib igib dik ic-cirkustanza bhala aggravju ta' nuqqas ta' smiegh xieraq mill-ewwel Qorti li jirrizulta ampjament agixxiet b'mod proceduralment impeccabbli.

4. L-ahhar aggravju tal-appellant fir-rigward tal-komportament tal-ewwel Qorti fil-kondotta tal-kawza quddiemha hu fis-sens li dik il-Qorti kkonsidrat wisq leggerment il-ksur tar-regolamenti relattivi ghat-Tribunal u l-inizzjattivi u l-komportament tal-istess tribunal li iggjovaw biss lil Joseph Saliba bl-iskop li ssir gustizzja qisu m'ghandux ikun l-ewwel il-parti li ghamel il-kaz u d-dover tieghu biex issir gustizzja fil-konfront

tieghu imma li tkun il-Qorti u t-Tribunal li jiddefendu l-parti. Certament addebiti ta' din ix-xorta fil-konfront tal-ewwel Qorti huma ghal kollox inaccettabbli u wkoll censurabbli in kwantu ma tirrizulta l-ebda tracca ta' prova mill-atti illi b'xi mod seta' tiggustifika l-icken accenn ghal ilment ta' din ix-xorta. Infatti l-atti processwali mhux biss juru korrettezza ezemplari da parti tal-ewwel Qorti fil-mod kif ittrattat b'ugwaljanza proverbjali l-partijiet quddiemha imma jistabbilixxu wkoll lil hinn minn kull ombra ta' dubbju kemm kienet ragjonevoli l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-opportunita' lill-partijiet kollha illi jipproducu kull prova illi huma dehrilhom mehtiega biex jiddefendu t-tezi rispettiva taghhom naturalment fl-istadju opportun meta tali prova setghet skond il-ligi tal-procedura tigi prodotta. Jekk xejn l-ewwel Qorti ippekkat kontra r-rigidita' procedurali u li tinsisti fuq l-osservanza tad-direttivi taghha ad ungwan mill-partijiet u allura favur il-kors tal-gustizzja anke jekk dan kien ifisser dewmien fid-definizzjoni tal-mertu. Taht dan l-aspett certament l-appellant ma kellux ghalfejn jilmenta.

## L-AGGRAVJU FIL-MERTU

L-aggravju fil-mertu hu fis-sens li l-ewwel Qorti fl-ahhar parti tas-sentenza taghha ma apprezzatx sewwa l-elementi dottrinali li kienu jirregolaw is-smiegh xieraq minn Tribunal imparzjali. Is-socjeta' appellanti tirreferi ghal dak li qalet l-ewwel Qorti li "lanqas din id-decizjoni ma turi dawk l-estremi li jwasslu lill-Qorti biex tghid li hemm xi

dubbju serju dwar l-imparzjalita' soggettiva tac-chairman tat-Tribunal". Tissottometti illi "fair hearing" hu " a contrario sensu "unfair hearing", jew jezistu jew ma jezistux. Ma kienx hemm gradi fl-evalwazzjoni taghhom. Jekk kien hemm dubbju dwar l-imparzjalita' ta' gudikant, tali dubbju kellu jmur favur li l-parzjalita' tezisti u ma kienx hemm bzonn li d-dubbju jkun serju biex il-process jigi inficjat. Din il-Qorti ezaminat dan l-aggravju fid-dawl tar-rizultanzi processwali u ssib li ma jirrizulta bl-ebda mod sostnut.

Waqt li jigi sottolinejat li hu aggravju immirat lejn l-allegata parzjalita' tat-Tribunal u mhux tal-ewwel Qorti, din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet :-

1. Il-bazi fattwali li fuqha l-appellanti tibbaza l-imputazzjoni taghha ta' parzjalita' tat-Tribunal hi kollha kemm hi procedurali u ma tolqotx is-sustanza tal-vertenza. Din tista' tigi identifikata taht dawn il-kapi :-

(a) Li t-Tribunal Industrijali ma segwiex ir-regolamenti li jirregolawh.

(b) Kien ippermetta lil Joseph Saliba li jipprezenta l-istatement of case tieghu fuori termine dak it-terminu li l-istess Tribunal iddetermina ghall-prezentata tieghu.

(c) Li dan ghamlitu minghajr ma l-istess Joseph Saliba kien talab ghall-estensjoni biex hekk jaghmel u minghajr ma dan kien ipprezenta prova gustifikattiva talli ma kienx ottempra ruhu mat-terminu stabbilit mit-Tribunal.

(d) Li t-Tribunal kien iffissa terminu li fih Joseph Saliba kellu jirrispondi ghar-rikors tas-socjeta' appellanti izda fil-mankanza ta' din ir-risposta u minghajr ma gie mitlub jew saritlu gustifikazzjoni ghal tali inadempjenza t-Tribunal kien hassar seduta u ddifferiha sakemm tasal ir-risposta tal-istess Saliba.

(e) Li dan l-agir hu provvedimenti da parti ta' min kien jippresjedi t-Tribunal saru sua sponte u minghajr ebda talba da parti tal-istess Joseph Saliba.

Minn dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' appellanti tikkonkludi illi l-agir tat-Tribunal kien juri parzjalita' tal-president tieghu a favur ta' Joseph Saliba bi pregudizzju ghad-drittijiet fondamentali tas-socjeta' appellanti. Agir li kien mhux biss jikkawtela l-posizzjoni ta' Joseph Saliba u tiffavorih fl-ghemil illegali tieghu kontra kull provvediment tar-regolament fil-process gudizzjarju imma wkoll li jammonta ghal deskriminazzjoni fit-trattament bejn il-partijiet kontestanti fl-istess process. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-ewwel Qorti illi dawn l-addebiti fihom infushom u wehidhom ma setghu qatt iwasslu ghall-

prova ta' parzjalita' da parti tat-Tribunal Industrijali. Apparti l-fatt illi l-ligi kienet tipprovdi illi t-Tribunal kellu jirregola l-procedura quddiemu, din il-Qorti ma tara xejn daqshekk stramb, insolitu, arbitrarju jew ingust, illi gudikant meta hekk ikun fil-ligi fid-dritt tieghu, kif certament kien fil-kaz taht ezami, jghogbu jaghzel illi jestendi terminu minnu stess impost biex jaghti opportunita' lil xi parti biex tipprezenta att in difiza tal-kaz taghha. Sakemm it-termini ma jkunux dawk ta' dekadenza u jkunu jippermettu diskrezzjoni mill-gudikant fl-imposizzjoni taghhom, mhux biss kien permess illi t-Tribunal jadegwa l-procedura ghac-cirkostanzi, fid-diskrezzjoni tieghu, imma wkoll seta' jkun obbligat li hekk jaghmel fl-interess tal-gustizzja biex jaghti opportunita' shih ta' kontestazzjoni. Imkien ma hu allegat mis-socjeta' appellanti illi hi sofriet xi pregudizzju mill-fatt illi Saliba kien inghata opportunita' li jipprezenta l-atti in difiza tal-kaz tieghu wara li skada z-zmien lilu prefiss. F'kull kaz, kif sewwa u gustament osservat l-ewwel Qorti, din certament ma setghatx fiha nnifisha tigi kwalifikata bhala materja kostituzzjonali. Kienet ser mai materja sindakabbli fil-Qrati ordinarji f'investigazzjoni dwar allegazzjoni li t-Tribunal amministrattiv ma kienx, skond l-appellant, sewwa osserva d-dispost tal-ligi.

2. Hu car minn kif hu redatt l-aggravju tal-appellanti illi l-parzjalita' allegata ma kienitx motivata minn ragunijiet oggettivi ghall-kariga li kien qed jokkupa l-president tat-Tribunal Industrijali imma kienet addebitata ghar-ragunijiet inerenti mal-persuna partikolari li kienet qed tokkupa dik

il-kariga fil-kaz taht ezami u mal-komportament taghha fil-konfront tal-istess appellant. “As to the subjective test the question is whether it can be shown on the facts that a member of the Court “acted with personal bias” against the applicant. In this connection there is a presumption that a judge is impartial “until there is a proof to the contrary” (Law of the European Convention on Human Rights - Harris O’ Boyle and Warbrick, pages 232 et seq). F’dan ir-rigward allura gie ritenut illi kien hemm il-htiega li jigi pruvat “actual bias rather than a legitimate doubt”. U biex wiehed jasal ghal din ic-certezza ta’ prova kien evidentement mehtieg illi wiehed jikkonsidra l-kaz kollu kemm hu u mhux biss incidenti isolati go fih. Kien ghalhekk anke taht dan l-aspett ghal kollox inaccettabbli illi tigi sollevata l-kwistjoni ta’ l-imparzjalita’ tal-president tat-Tribunal, tista’ tghid fil-bidu tal-process u aktar u aktar illi dak it-Tribunal issorprasjedi biex allegazzjoni ta’ din ix-xorta tigi investigata mil-lat kostituzzjonali bil-konsegwenza li l-process quddiemu jigi temporarjament sospiz.

Kien naturalment l-obbligu tal-President li kien qed jiggudika illi jirtira mill-kaz jekk fil-fehma tieghu jigi sollevat “a legitimate doubt” fir-rigward tal-imparzjalita’ tieghu. Izda jekk dan ma jkunx il-kaz – u f’dan is-sens ic-chairman tat-Tribunal ma espremiex din il-fehma – ma kienx indikat li jkun hemm sorprassezzjoni sakemm il-materja tigi ventilata. Dan qed jinghad proprju minhabba n-natura tal-ilmenti fl-aggravju tal-appellanti u in konsiderazzjoni li ovvjament il-fatt illi xi decizjonijiet ta’ natura

procedurali moghtija mic-chairman ta' dan it-Tribunal ma kienux jissodisfaw lil xi parti, dan indubbjament ma kienx jirrendih aktar jew inqas imparzjali. "The subjective element involves an enquiry into whether the personal conviction of a judge in a particular case raises doubts about his or her indipendence or impartiality. This is presumed unless evidence to the contrary estabilishes bias …….. In the Nortier case (Nortier vs Netherlands, judgement of August 20/4/1993, series A, number 267), the Court said that the crucial question was not whether there were subjective apprehensions of the individual but whether in the particular circumstances of the case the individual's fears could be held to be objectively justified …….” (European Convention of Human Rights, Second Edition, Francis Jacobs and Robin White, 1996).

Fil-kaz taht ezami, din il-Qorti bhall-ewwel Qorti, hi sodisfatta illi l-ebda prova tangibbli ma ngiebet biex tistabbilixxi xi forma ta' bias kontra l-appellanti. Il-fatt illi s-socjeta' appellanti kienet aggravata b'decizjonijiet procedurali li ha t-Tribunal, dan bl-ebda mod ma kien oggettivament jiggustifikaha li timputa parzjalita' tac-chairman li toffuskalu jew tinficjalu l-gudizzju tieghu. Ma kien hemm xejn x'jindika fl-atti illi l-konvinzjonijiet personali tac-chairman tat-Tribunal jew anke l-attivitajiet precedenti tieghu fil-hajja pubblika bhala attivista' fi Trade Union kienu b'xi mod qeghdin jippregudikawh favur jew kontra xi parti fil-kondotta tal-proceduri. “The Court defined “impartiality” as “the absence of prejudice or bias”. The former element involving “endeavouring to

ascertain the personal conviction of a given judge in a given case" and the latter as "determining whether he offer guarentees sufficient to esclude any legitimate doubt in this respect." (Piersack, deciz fl-1 ta' Ottubru 1982, series A, number 53, pages 14 & 15). Fil-kaz taht ezami, din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ssib illi xejn ma gie provat biex jiskossa il-prezunzjoni illi c-chairman tat-Tribunal kien joffri dawk il-garanziji mehtiega u adegwati biex jeskludu kull dubbju legittimu fir-rigward tal-imparzjalita' tieghu. L-appell ghalhekk ma jistax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi u wkoll ghall-motivi redatti mill-ewwel Qorti, s-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell rigettat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mg